14 ta' Novembru, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. W .Harding, B.Litt., LL.D.

Francesco Zammit *versus* Celest Spiteri

**Bejgħ — Depożitu — Proprjetà u Riskju.**

*Meta x-xerrej jirrifjuta l-oġġett li jkun bgħatlu l-venditur għax l-oġġett hu ħażin u mhux adatt għall-fini tax-xiri, kif hu dejjem preżunt li għandu jkun l-oġġett mibjugħ, u javża lill-venditur b'dan ir-rifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs kieku naqas għal kollox l-oġġett tal-bejgħ, u kwindi ma hemmx trapass tal-proprjetà jew tal-"periculum rei perditae".*

*Jekk f'ċirkustanzi simili l-venditur ma jieħux l-oġġett u jħallih għand il-kumpratur, u dan ma jiddepożitahx, il-venditur ma jistax jieħu argument minn dan in-nuqqas ta' depożitu, u jippretendi jħallas*

*tal-prezz billi jallega li x-xerrej żamm l-oġġett u ma ddepożitahx*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex iħallsu (1) £4. 10. 0 prezz ta' ħames vjaġġi ġebel bit-18s. il-vjaġġ, u *(2) £6 saldu ta' senserija fl-okkażjoni ta'* akkwist ta' art fil-limiti ta' Raħal Ġdid. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Settembru 1953, minn fejn jirriżulta li l-partijiet ittransiġew fuq it-tieni talba, li fil-fatt ġiet ċeduta b'nota preżentata fil-11 ta' Settembru 1953;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Settembru 1953, li biha ċaħdet l-ewwel talba, bl-ispejjeż, u asteniet li tieħu konjizzjoni tat-tieni talba; billi kkunsidrat;

Illi mhux kontestat bejn il-partijiet li l-konvenut kien għal xi żmien xtara ġebel qadim minn għand l-attur, li kien jibgħathomlu fil-post fejn il-konvenut kien qiegħed italla' xi *bini; ta' liema* ġebel l-attur tħallas;

Illi l-attur xehed li huwa bagħat lill-konvenut tliet vjaġġi ġebel oħra f'Settembru 1952 u żewġ vjaġġi oħra f'Diċembru 1952, u li, wara li bgħatlu din l-aħħar partita fis-16 ta' Diċembru 1952, il-konvenut qallu li ma riedx aktar; tant li l-konvenut waqaf. *Dawn il-ħames vjaġġi jiffurmaw il-meritu* ta' din il-kawża;

Illi Giuseppe Borg, inkarikat mit-trasport ta' l-istess ġebel, qal li darba l-konvenut qallu biex jgħid lill-attur li ma riedx ġebel iżjed, iżda, għalkemm irriferixxa dan lill-attur, baqa' jġorr ġebel lill-konvenut. Dan ix-xhud spjega li din l-intima saritlu da parti tal-bennej, u li anki wara din l-intima baqa' jieħu ġebel xorta waħda bħal qabel; aktar tard, meta ġie avżat mill-konvenut biex ma jieħux aktar ġebel, waqaf għal kollox. Ix-xhud qal ukoll li bejn l-avviż lilu mogħti mill-bennej u dak mogħti mill-istess konvenut, mar ma' l-attur għand il-konvenut, u dan qal lill-attur li, jekk il-ġebel kien tajjeb, jibagħtulu;

Illi l-konvenut, għall-kuntrarju, qal li huwa kien inkarika lil Antonio Bajada bħala bennej, u li meta dan qallu li l-ġebel mibgħut mill-attur kien ħażin, avżah biex ma jaċċettahx; u l-imsemmi Bajada xehed li huwa, peress li l-ġebel kien

ħażin, qal lill-attur biex ma jeħodlux ġebel simili, iżda l-attur baqa' jibgħat, u kull darba kien avżah li l-konvenut ma jħallsux tiegħu. Dan il-ġebel ħażin kien daqs ħames vjaġġi, u minnhom ma ntuża xejn da parti tal-konvenut jew ta' Antonio Bajada;

Illi minn dawn il-fatti hekk elenkati, li jimpurtaw konflitt fuq pont saljenti tal-kawża, ma jistax jingħad li l-attur, li fuqu taqa' l-prova relativa, wasal biex jipprova soddisfaċentement li l-konvenut aċċetta li jixtri l-ħames vjaġġi ġebel in kwistjoni;

Illi, fl-opinjoni tal-Qorti, il-konvenut wera konkludentement li l-istess ġebel ma kienx tajjeb;

Illi fil-bejgħ l-intenzjoni tal-partijiet, u speċjalment tal-kumpratur, hija dik li jista' jintagħmel użu mill-oġġett, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ kien hemm implikata l-kondizzjoni li l-ġebel keilu jkun idoneu għall-bini; u ma rriżultax li kien hemm klawsola li r-riskju kellu jsofrieh ix-xerrej;

Illi skond l-art. 1397 tal-Kodiċi Ċivili, ir-riskju tal-ħaġa jgħaddi fuq ix-xerrej malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm ma tkunx saret it-tradizzjoni, u lanqas tħallas il-prezz; u dana peress li minn dak il-mument il-proprjetà tgħaddi mill-venditur għall-kumpratur;

Illi l-eżami tal-kwalità ta' l-oġġett jista' jsir, fl-impossibilità ta' l-ispezzjoni diretta, anki per mezz ta' xhieda. Il-kwalità tal-ġebel "de quo" ma tistax tiġi kontrollata, peress li, kif qal l-istess attur, minn dak il-ġebel il-lum ma baqa' xejn; iżda mill-kumpless tax-xhieda mismugħa jirriżulta li l-istess ġebel ma kienx tajjeb;

Illi ġie deċiż fil-kawża "Carmelo Xuereb vs. Nazzareno Azzopardi", Vol. XXXI—I—651, li għandu jiġi preżunt li l-bejgħ għandu jseħħ għall-fini tax-xiri, u li, jekk dan il-fini jkun impossibili, l-oġġett tal-bejgħ ikun naqas għal kollox;

Illi huwa veru li x-xerrej li jirċievi l-merkanzija u ma jkunx irid jaċċettaha, għax jidhirlu li mhix ta' kwalità tajba, ma jistax iżommha għandu ("Borg vs. Bondin", Vol. XXXIII—I—585). Fil-każ preżenti jirrikorru ċirkustanzi speċjali, u ċjoè li, malli Giuseppe Borg ħatt il-ġebel, Antonio Bajada, kif awtorizzat mill-konvenut, qallu li fil-fatt mhux qie-

għed jaċċettah u li għalhekk il-konvenut ma jħallasx. Dana kollu juri mhux biss li l-attur ma kkonsenjax il-kwalità miftehma, u għalhekk ma kienx hemm bejgħ għax jonqos l-oġġett tal-kuntratt ("Wismayer vs. Parlato", Vol. XXIX—I—1425), iżda wkoll il-mankanza ta' l-aċċettazzjoni tal-kumpratur, u kwindi ta' l-"*in idem placitum consensus*", bil-konsegwenza li l-proprjetà *bir-riskji relativi* baqgħet dejjem ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u ċ-ċitazzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, li biha talab li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija, u li jiġi deċiż għat-tenur tad-domanda attriċi; bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Għandu jiġi kjarifikat li, għalkemm fiċ-ċitazzjoni qiegħda *tiġi mitluba r-revoka* tas-sentenza fuq imsemmija, u qiegħda tiġi mitluba deċiżjoni skond l-istanza, eppure dan għandu jiftiehem riferibilment biss għall-ewwel domanda; għax hu fatt li t-tieni waħda ġiet ċeduta, għax *transatta*, u kwindi sewwa hemm fis-sentenza appellata li l-Qorti asteniet li tieħu konjizzjoni ta' dik it-tieni domanda;

Ikkunsidrat;

Mill-provi deher soddisfaċentement li l-konvenut, per mezz tal-mandatarju tiegħu, il-bennej Bajada, irrifjuta l-ġebel li tiegħu qiegħed jintalab il-prezz, għax kien ħażin u mhux adatt għall-fini tax-xiri, kif hu dejjem preżunt li għandu jkun l-oġġett mibjugħ. Maili Borg, inkarikat ta' l-attur, beda jħott il-ġebel, Bajada qallu ċar u tond li bil-fatt li l-ġebel kien qiegħed jinħatt b'daqshekk hu ma kienx qiegħed jaċċettah, u li l-konvenut ma kienx sejjer iħallas tiegħu;

Għalhekk, fil-kontinġenzi fuq delineati, l-istat ta' fatt kien daqs kieku naqas għal kolloх l-oġġett tal-bejgħ, u kwindi ma kienx hemm trapass tal-proprjetà, jew tal-"periculum rei venditae";

Jekk hu, kif inhu, hekk, allura għal ta' xejn l-attur jgħid li l-konvenut għandu jħallas għax żamm il-ġebel u ma ddepożitahx. Ma kellux bżonn jiddepożitah: għax fiċ-ċirkustanzi tal-fattispeċje bejgħ ma kienx hemm, u l-ġebel biqa' ta' l-at-

tur għalkemm ġie mqiegħed abużivament (għax tempestivament u ġustament rifjutat) fuq il-post tal-konvenut. Ma hux ċertament leċitu li l-attur jippretendi d-depożitu u jieħu argument min-nuqqas tiegħu, meta in sostanza hu vvijola l-proprjetà tal-konvenut billi qiegħed fuq il-post tal-konvenut, u malgrado l-oppożizzjoni ta' l-inkarikat tal-konvenut, ġebel li dan kien qed jirrifjuta, kif juru l-provi, bir-raġun;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.